

Rapport Annwali 2023 Sommarju Eżekuttiv



Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mhijiex responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru freephone (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija mobbli ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Rapport Annwali 2023 Sommarju Eżekuttiv

Referenza: ECHA-24-B-01-MT

ISBN: 978-92-9468-367-0

ISSN: 2467-3048

Numru tal-Kat.: ED-BG-24-001-MT-N

DOI: 10.2823/56231

Data tal-pubblikazzjoni: April 2024

Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2024

II-Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti rigward dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni tista' tiġi aċċessata permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq: <http://echa.europa.eu/contact>

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, II-Finlandja

Sommarju eżekuttiv

Minħabba li l-2023 hija l-aħħar sena tal-pjan strateġiku tagħna 2019-2023, ikkonkludejna t-tweqqi tal-obiettivi strateġiċi tagħna u wettaqna l-attivitajiet ipplanati speċifikati fil-Programm ta' Ħidma tagħna. Din is-sena bdejna l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-kompiti regolatorji l-ġodda assenjati lill-Aġenzija taħt id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, ir-Regolament dwar il-Batteriji u t-Theddid Transfruntier Serju għas-Saħħa. Komplejna wkoll inwasslu l-mandat legali tagħna fi ħdan il-firxa wiesgħa ta' leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi taħt il-kompetenza tagħna.

Żewġ riżultati ewlenin taħt il-pjan strateġiku tagħna kienu l-Istrateġija Regolatorja Integrata (IRS) u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt ta' Evalwazzjoni (JEAP) u dawn huma rilevanti kemm għar-Regolament REACH kif ukoll għar-Regolament CLP. L-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi u gruppi ta' sustanzi għal azzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju huma ċentrali għall-Istrateġija Regolatorja Integrata tagħna. Fl-2023, għamilna passi ulterjuri fil-fehim tad-*data* dwar is-sustanzi fil-bażi tad-*data* tagħna b'madwar 92 % tas-sustanzi rreġistrati f'aktar minn 100 tunnellata issa vvalutati.

Aspett importanti ieħor tal-IRS huwa l-identifikazzjoni ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li għalihom tista' tkun meħtieġa l-ġenerazzjoni ta' *data* skont id-dossier jew l-evalwazzjoni tas-sustanza. Dawn is-sustanzi huma kkunsidrati taħt il-JEAP, li jistabbilixxi miri għall-kontroll tal-konformità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni. Fl-2023, wettaqna 301 kontroll tal-konformità taħt evalwazzjoni tad-dossier. Bil-konklużjoni tal-pjan strateġiku tagħna fl-2023, saru rieżamijiet kemm tal-IRS kif ukoll tal-JEAP, li l-eżiti tagħhom se jintużaw biex jiġu ddeterminati l-passi li jmiss għall-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi l-ġodda tagħna.

Fl-evalwazzjoni tas-sustanza, l-aġġornament tal-pjan ta' azzjoni rikorrenti tal-Komunità (CoRAP) għall-2023-2025 ġie miftiehem mill-Kumitat tal-Istati Membri (MSC) u ġie ppubblikat b'24 sustanza għall-evalwazzjoni minn 12-il Stat Membru. Intlaħqu wkoll konklużjonijiet għal 26 sustanza filwaqt li nħarġu 6 deċiżjonijiet ta' evalwazzjoni tas-sustanza li talbu *data* biex jiġi indirizzat tħassib li jirrigwarda l-interferenza endokrinali, PBT/vPvB, u mutaġeniċità.

Azzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskji taħt REACH u CLP fl-2023 kienu jinkludu l-għoti ta' sitt opinjonijiet dwar dossiers ta' restrizzjoni kif ukoll 42 opinjoni dwar proposti għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati. Dawn l-opinjonijiet ingħataw mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u mill-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC).

Waħda mill-opinjonijiet ta' restrizzjoni kopriet l-użu tal-PFAS fil-fowms għat-tifi tan-nar. Fil-bidu tal-2023, irċevejna wkoll id-dossier ta' restrizzjoni dwar sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) mill-ħames Stati Membri (il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja, id-Danimarka u n-Norveġja), u sa tmiem is-sena konna kkonkludejna l-konsultazzjoni pubblika inizjali u l-iskrinjar ta' aktar minn 5600 kumment riċevut. Se nkomplu nagħmlu progress f'dan id-dossier permezz tal-RAC u l-SEAC matul l-2024. Irċevejna wkoll mandat mill-Kummissjoni Ewropea biex inħejju dossier ta' restrizzjoni sal-2024 għal sustanzi tal-kromu (VI), li huma koperti fl-għadd dejjem jikber ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni li qed jiġu riċevuti fil-preżent. L-ECHA kkompletat ukoll bosta rapporti investigattivi u ta' skrinjar, inklużi rapporti dwar il-Klorur tal-Polivinil (PVC) u l-addittivi u dwar sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMRs) f'oġġetti għall-kura tat-tfal.

Azzjonijiet oħra ta' ġestjoni tar-riskju meħuda fl-2023 kienu ż-żieda ta' 11-il sustanza oħra fil-Lista ta' Kandidati għal Awtorizzazzjoni, u b'hekk l-għadd totali ta' sustanzi ta' entrati ta' tħassib serju ħafna tela' għal 235. Ippreżentajna wkoll tmien sustanzi taħt il-11-il Rakkomandazzjoni għall-inklużjoni ta' sustanzi mal-Lista ta' Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Rajna żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni prinċipalment għall-użu ta' sustanzi tal-kromu (VI). L-għadd totali ta' applikazzjonijiet u rapporti ta' rieżami riċevuti kien ta' 100 u l-kumitati

xjentifiċi tagħna RAC u SEAC taw opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' 58 użu ta' sustanzi.

FI-2023, aħna pproċessajna 13 749 dossier ta' reġistrazzjoni u kkompletajna 416-il verifikazzjoni tad-daqs ta' kumpaniji SMEs. Il-Helpdesk tagħna wieġeb 9200 mistoqsija, filwaqt li t-total ikkombinat ta' mistoqsijiet imwiegħba mill-helpdesks tal-pajjiżi tal-Istati Membri u taż-Żona Ekonomika Ewropea kien ta' madwar 45000. Filwaqt li komplejna nirċievu ħafna mistoqsijiet dwar ir-reġistrazzjoni, rajna wkoll mistoqsijiet dwar il-PFAS, l-awtorizzazzjoni ta' kromati u konna qed naraw mistoqsijiet dwar il-kompiti leġiżlattivi l-ġodda li l-Aġenzija ġiet assenjata. Biex nimxu 'l quddiem lejn id-disponibbiltà pubblika tad-*data*, iddedikajna żmien sinifikanti għall-iżvilupp tal-pjattaforma l-ġdida tagħna għad-disseminazzjoni tad-*data*, ECHA Chem, li hija skedata li titnieda fl-2024. Din il-ħidma hija l-bidu ta' sforzi biex nittrasformaw il-mod kif nipprovdu u nagħmlu d-*data* disponibbli.

Il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) adotta 13-il opinjoni għall-approvazzjoni u t-tiġdid ta' sustanzi attivi, filwaqt li għall-awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni, ġew adottati 10 opinjonijiet fl-2023. Inkomplu nosservaw li l-istimi mill-Istati Membri dwar is-sottomissjoni ta' dossiers ta' sustanzi attivi mhumiex issodisfati u lanqas mhuma l-istimi tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni. Din hija xejra inkwetanti u tirrikjedi sforzi mġedda mill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi regolatorji kontinwi tagħhom. Kellna s-sodisfazzjon li wettaqna l-gwida dwar il-pollinaturi u għamilna progress fit-tranżizzjoni lejn l-użu tal-IUCLID għal dossiers tal-bijoċidi.

Matul is-sena, komplejna niprijoritizzaw l-isforzi biex nipromwovu alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali. Organizzajna sessjoni ta' ħidma kollaborattiva mal-partijiet ikkonċernati kollha biex niddiskutu kif nistgħu naħdmu b'mod kollettiv biex nipromwovu u nwettqu t-tranżizzjoni lejn l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali. Ippubblikajna l-ħames rapport tagħna dwar l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali għar-Regolament REACH u enfasizzajna l-opportunitajiet u l-isfidi relatati mat-tbeġħid mill-ittestjar fuq l-annimali għall-valutazzjoni regolatorja ta' sustanzi kimiċi.

Ipproċessajna 10857 notifika skont ir-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) b'ħafna minn dawn relatati mal-inklużjoni tal-benżen bħala l-ewwel sustanza fl-entrata tas-sustanza. FI-2023, ippubblikajna r-rapport ta' tliet snin dwar l-operat tar-Regolament PIC (ir-rapport tal-Artikolu 22) u pprovdejna r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament PIC. Rakkomandazzjoni ewlenija kienet il-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-punt sa fejn l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku fi kwalunkwe leġiżlazzjoni futura peress li t-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti (ATD) qed jiżdiedu fir-rigward tal-PIC.

Minbarra l-oqsma regolatorji ta' hawn fuq, komplejna nwettqu kompiti speċifiċi fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ambjentali jew ftehimiet dwar il-livell ta' servizz mal-Kummissjoni. Pereżempju, ħejjejna abbozz ta' dossier xjentifiku (proposta tal-Anness D) għal tliet sustanzi b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma. Komplejna nipprovdu appoġġ skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) u segwejna mill-qrib it-teħid tad-deċiżjonijiet għar-reviżjoni ta' din il-leġiżlazzjoni peress li se tifformalizza r-rwol tal-ECHA f'din il-ħidma ta' appoġġ. Tajna wkoll ħames opinjonijiet mill-RAC dwar il-Limiti ta' Esponiment fuq ix-Xogħol (OELs) bħala parti mill-appoġġ tagħna lid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni (DG EMPL). Ikkonkludejna ftehim ta' kontribuzzjoni ġdid għall-perjodu 2023-2026 mal-Kummissjoni biex inkomplu nipprovdu appoġġ u taħriġ lill-pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni.

L-appoġġ u l-kontribut lill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà (CSS) baqgħu prijorità għolja għalina fl-2023. Aħna appoġġajna lill-Kummissjoni qabel u matul it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-Regolament CLP rivedut u diġà bdejna l-ħidma bi ttejjija għall-implimentazzjoni tiegħu. Ħdimna flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) taħt it-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP), fl-istabbiliment ta' qafas ġdid ta' indikaturi mmirati lejn il-monitoraġġ tal-ixprunaturi u l-impatti tat-tniġġis kimiku u l-valutazzjoni

tal-effettività tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi. Dan il-qafas se jiġi ppubblikat fl-2024.

Kif diġà ġie nnotat, bdejna l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-kompiti leġiżlattivi ġodda relatati mal-Ilma tax-Xorb, il-Batteriji u t-Theddid Transfruntier Serju għas-Saħħa. Appoġġajna lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati meħtieġa għall-operazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD). Peress li l-kompiti taħt id-DWD eventwalment se jaqgħu taħt il-qasam ta' ħidma tal-RAC, diġà stabbilejna Grupp ta' Ħidma taħt l-RAC biex nibdew it-tnejn għal dan il-kompitu ġdid mill-kumitat. L-ippjanar tal-implimentazzjoni tagħna għall-kompiti skont ir-Regolament dwar il-Batteriji beda bil-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'Awwissu 2023. Huma mistenni li l-ewwel kompiti jitwettqu fl-2025.

Ġew ipprovduti livelli sinifikanti ta' appoġġ u pariri lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jgħinuhom fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom għar-reviżjoni tar-Regolament REACH u tar-Regolament Bażiku tal-ECHA. Filwaqt li l-pubblikazzjoni antiċipata tar-reviżjoni tar-REACH ma mmaterjalizzatx kif mistenni fl-2023, aħna lesti li nkomplu nappoġġaw lill-Kummissjoni dwar reviżjoni futura.

L-approċċ ta' sustanza waħda, valutazzjoni waħda (1S1A) tal-Kummissjoni taħt is-CSS kien ukoll qasam fejn l-ECHA pprovdiet livelli sinifikanti ta' kontribut u pariri. Kellna s-sodisfazzjon naraw li l-pakkett leġiżlattiv għall-appoġġ tal-1S1A ġie ppubblikat sa tmiem is-sena. Dan il-pakkett kopra mhux biss l-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti lill-ECHA iżda wkoll regolament tad-*data* li jistabbilixxi pjattaforma tad-*data* komuni tal-UE. Nistennew bil-ħerqa li naħdmu mal-Kummissjoni u mad-deċiżuri fl-2024 biex navvanzaw din il-leġiżlazzjoni.

Bħala aġenzija li tiddependi fuq ix-xjenza biex tiżviluppa l-opinjoni u d-deċiżjonijiet tagħha, ħdimna mill-qrib mal-komunità tar-riċerka biex niżguraw li l-ħtiġijiet tax-xjenza regulatorji jiġu kkomunikati u mifhuma. F'dan ir-rigward, komplejna nimpjenjaw lilna nfusna fi ħdan is-Sħubija għall-Valutazzjoni tar-Riskji minn Sustanzi Kimiċi (PARC), programm ta' riċerka u innovazzjoni mifrux mal-UE kollha ffokat fuq l-iżvilupp ta' valutazzjoni tar-riskju kimiku tal-ġenerazzjoni li jmiss għall-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent. Kisba ewlenija għall-ECHA fl-2023 kienet il-pubblikazzjoni ta' rapport, *Key Areas of Regulatory Challenge* (Oqsma Ewlenin ta' Sfida Regulatorja), li stabbilixxa b'mod ċar oqsma fejn il-komunità tar-riċerka tista' tidderieġi l-isforzi tar-riċerka futuri.

L-involvement u l-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati huma fundamentali għall-mod ta' kif naħdmu. Komplejna nikkollaboraw mill-qrib mal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari dawk b'fokus fuq l-ambjent u s-saħħa. Il-kollaborazzjoni mill-qrib tagħna mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), biex tiġi vvalutata s-sigurtà tas-sustanzi u jiġu żviluppjati fehmiet konsistenti fl-oqfsa regulatorji kollha, inkluż għal oqsma bħall-bijoċidi u l-pestiċidi, baqgħet fokus fl-2023. Kif issemma, ħdimna mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) biex nibnu qafas konġunt ta' indikaturi li se jgħin biex jiġu segwiti l-progress u l-impatt tal-implimentazzjoni tas-CSS u l-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

Irċevejna aktar talbiet fl-2023 biex ningħaqdu mal-lista tal-Organizzazzjoni tal-Partijiet Ikkonċernati Akkreditati (ASO) tagħna. Nistennew li ż-żieda fit-talbiet tal-partijiet ikkonċernati għal-lista tal-ASO tkompli speċjalment bil-mandat legali usa' tagħna, li se jġib miegħu ħafna partijiet ikkonċernati ġodda li jaf ma jkunux ħadmu magħna preċedentement. Żviluppajna approċċ ġdid ta' involvement tal-partijiet ikkonċernati, li flimkien mal-istrateġija l-ġdida tagħna ta' komunikazzjonijiet għall-2024-2028 se tippermittielna nkomplu nibnu mezzi u networks ta' involvement u komunikazzjoni b'saħħithom.

Wieħed mill-gruppi ewlenin tal-partijiet ikkonċernati għall-ECHA huwa rrappreżentat mill-kollegi tagħna tal-Istati Membri, li naħdmu mill-qrib magħhom kuljum f'ħafna fora differenti, pereżempju, permezz tal-Bord ta' Tmexxija tagħna, il-kumitati xjentifiċi tagħna, il-Forum tagħna dwar l-Infurzar, in-Network ta' Komunikazzjoni tal-Istati Membri, HelpNet u gruppi ta' ħidma esperti. Fl-2023, ġeddejna l-impenji tagħna direttament mal-Istati Membri permezz ta' żjarat fl-Istati Membri sabiex nisimgħu direttament il-fehmiet u t-talbiet tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-parteċipazzjoni sħiħa u attiva tal-Istati Membri fil-kumitati kollha tagħna hija essenzjali għall-

għoti ta' opinjonijiet u deċiżjonijiet. Matul is-sena, żammejna fokus fuq l-iffaċilitar ta' nomini suffiċjenti għall-RAC u l-SEAC kif ukoll żgurajna li nistgħu nżommu lill-membri diġà involuti. F'dawn l-isforzi, il-Bord tat-Tmexxija u l-kollegi tal-Kummissjoni tagħna involvew lilhom infushom mill-qrib magħna.

Bi pjaċir nirrappurtaw li l-obbligi legali, ta' governanza u ta' ġestjoni tagħna għall-2023 ġew issodisfati kollha. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni finanzjarji u tar-riżorsi umani tagħna ntlaħqu u f'haġna każijiet inqabżu. Ma kellna l-ebda sejba sinifikanti fl-awditu finanzjarji jew awditi oħra li ġew ikkompletati. Żammejna ċ-ċertifikazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 9001:2015; 14001:2015 u tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE. Organizzajna b'suċċess ukoll servizzi ta' laqgħat għal 640 avveniment u laqgħa uffiċjali, ospitajna 5000 viżitatur personalment u 32,800 online. Komplejna naħdmu biex innaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 u fl-2023 bqajna konformi mal-miri tagħna.

Il-Bord tat-Tmexxija tagħna mexxa l-iżvilupp b'suċċess tad-Dikjarazzjoni ta' Strateġija l-ġdida tagħna għall-2024-2028. Din id-Dikjarazzjoni ġiet żviluppata f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-persunal tagħna kif ukoll mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-partijiet ikkonċernati u nistennew bil-ħerqa li nimplimentawha matul is-snin li ġejjin.

Filwaqt li matul is-sena rajna haġna riżultati tanġibbli u kisbiet, nixtiequ wkoll ninnotaw għadd ta' oqsma li għadhom qed jirrappreżentaw sfida.

Sfida kbira għal darb'oħra hija l-għadd baxx ta' abbozzi ta' rapporti ta' valutazzjoni għal sustanzi attivi bijoċidali ppreżentati mill-Istati Membri. Dan huwa ta' detriment għall-ikkompletar tal-ewalwazzjoni tas-sustanzi attivi eżistenti kollha sa tmiem l-2024 kif meħtieġ mir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Filwaqt li l-ECHA għamlet u se tkompli tagħmel sforzi biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jagħmlu aktar progress, ir-realtà hija li l-Istati Membri mhumiex qed jipprioritizzaw din il-ħidma u haġna ma għandhomx il-kapaċità jew ir-riżorsi biex fil-futur qrib jilħqu l-objettivi tagħhom.

Il-kumitati xjentifiċi tagħna huma komponent ewleni fl-għoti ta' opinjonijiet u deċiżjonijiet trasparenti, indipendenti u ta' kwalità għolja. Dawn il-kumitati jiddependu haġna fuq il-parteċipazzjoni, l-impenn u l-kompetenza tal-membri mill-Istati Membri. Iż-żamma ta' membri attwali fl-RAC u fl-SEAC attivi u involuti kien sforz kontinwu fl-2023. Aspett wieħed biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kumitat kien li jiġu rieżaminati l-pagamenti attwali għall-ħidma tar-relatur tal-membri flimkien mal-Bord ta' Tmexxija. Nittamaw li dawn il-miżuri jħeġġu l-adozzjoni fost il-membri fil-ġejjieni. Minkejja dawn l-isforzi, l-għadd ta' membri fl-RAC u l-SEAC qed jonqos minħabba li l-Istati Membri jsibuha aktar diffiċli biex isibu kandidati li jkollhom l-esperjenza u l-kompetenza rilevanti. Dan johlq ir-riskju li ma jintlaħqux l-iskadenzi u l-miri legali f'oqsma operattivi li jiddependu fuq il-kontribut mill-membri tal-Kumitat. Fl-2023, ħdimna mill-qrib mal-Kummissjoni dwar kif nistgħu niżguraw futur sostenibbli għall-kumitati, speċjalment meta jitqiesu kompiti ġodda li diġà ġew assenjati jew li jistgħu jiġu assenjati minħabba proposti leġiżlattivi ppubblikati. Ir-Regolament Bażiku futur tal-ECHA huwa mezz importanti biex jinkisbu sostenibbiltà u kompetenza fit-tul għall-kumitati xjentifiċi tagħna u l-ECHA għandha u se tkompli tenfasizza li dan ir-Regolament huwa meħtieġ malajr kemm jista' jkun.

Sfida oħra tinholq mill-għadd kbir ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni li jaqbżu b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħna li nagħtu opinjonijiet. L-ECHA qed timmonitorja mill-qrib l-applikazzjonijiet li jidhru u l-ippjanar u l-fażijiet tat-tfassil tal-opinjoni. Il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-ECHA tħejji restrizzjoni fuq is-sustanzi tal-kromu VI li maż-żmien tista' twassal għal ġestjoni aktar effiċjenti u f'waqtha tar-riskji ta' dawn is-sustanzi, filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-operazzjonijiet fis-setturi industrijali involuti.

Fl-2023, bdejna l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u kompiti ġodda. Dawn l-isforzi se jkomplu fis-snin li ġejjin u se jżiedu hekk kif il-proposti li jirriżultaw mill-proċess ta' kodeċiżjoni jiġu ffinalizzati. L-ibbilanċjar tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda filwaqt li jkompli jittwettagħ.

programm regolatorju s'hih se jkun qasam ewlieni ta' fokus fil-perjodu li g'ej. Il-persunal tal-ECHA huwa impenjat bis-s'hih li jimplimenta dawn il-kompiti l-ġodda u se nkunu qed infittxu li naħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-s'hab istituzzjonali tagħna tal-UE, mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex jappoġġawna fit-twettiq ta' dak li huwa meħtieġ.

Bil-pubblikazzjoni tal-pakkett leġislattiv "sustanza waħda valutazzjoni waħda" fi tmiem l-2023, issa nistgħu naraw il-firxa tal-ħidma meħtieġa mill-aġenziji kollha biex jallinjaw l-opinjoni u d-deċiżjonijiet tagħhom fil-kumitati xjentifiċi differenti. Nilqgħu wkoll l-introduzzjoni ta' klassifikazzjonijiet ta' periklu ġodda fir-Regolament CLP, li se jgħinu aktar fl-allinjament. Madankollu, il-kisba ta' allinjament s'hih tista' tkompli tkun sfida fin-nuqqas ta' bidliet f'leġislazzjonijiet oħra.

Hekk kif il-Pjan Strateġiku 2019-2023 tagħna jiġi konkluż, qed nirrieżaminaw xi wħud mill-inizjattivi li appoġġaw it-twettiq tiegħu, pereżempju, l-IRS u l-JEAP. Dawn ir-rieżamijiet bdew fl-2023. Jeħtieġ li niddeterminaw kif l-aħjar nużaw id-*data* li tinsab fil-bażijiet tad-*data* tagħna biex niżguraw li tittieħed azzjoni xierqa ta' ġestjoni tar-riskju mill-partijiet rilevanti, kemm jekk hija klassifikazzjoni, awtorizzazzjoni jew restrizzjoni armonizzata. Madankollu, jeħtieġ ukoll li nikkunsidraw kif nintegraw azzjonijiet addizzjonali ta' ġestjoni tar-riskju li jirriżultaw mill-leġislazzjoni l-ġdida fil-ħsieb tagħna. Barra minn hekk, filwaqt li l-ECHA tista' tanalizza u tipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, m'għandniex il-bażi legali biex nieħdu azzjoni direttament lilna nfusna. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkollna kooperazzjoni u involviment aktar mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex nallinjaw fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni fuq azzjonijiet xierqa ta' ġestjoni tar-riskju. Id-Dikjarazzjoni ta' Strateġija l-ġdida 2024-2028 tidentifika dan bħala prijorità, u nistennew bil-ħerqa li nikkollaboraw mal-partijiet kollha f'dan ir-rigward.

Aktar dettalji dwar il-kisbiet u l-metriċi huma disponibbli fit-taqsimiet li g'ejjin.

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
P.O. BOX 400, FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU